# *KNISJA AKBAR GĦALL-POPLU TA' RAĦAL ĠDID*

**minn Alfred Ellul**

Ħamsa u sebgħin sena ilu, nhar Ħadd il-Għid ta' l-ewwel t'April tal-1923, il-poplu u l-kleru ta' dan is-subborg taw bidu għall-bini ta' l-ewwel knisja fil-gżejjer Maltin. F'nofs għalqa kbira fejn illum hemm wieqaf it-tempju maestuż ta' Kristu Re tqiegħed salib kbir ta' l-injam fuq pedestall. Kien il-bidu ta' proġett ġgantesk, li minkejja d-diffikultajiet kbar li xekkluh, sar realta' lejn tmiem il-ħamsinijiet meta tlestiet il-knisja f'nofs il-misraħ Antoine de Paule.

Il-bżonn ta' knisja akbar għall-abitanti ta' Raħal Ġdid fl-ewwel snin ta' dan is-seklu kien ilu jinħass. Minkejja li l-knisja ta' Sant'Ubaldeska ġa' kienet tkabbret fl-1900 biex tilqa' fi ħdanha lin-nies ta' dawn l-inħawi kull nhar ta' Ħadd kien ikun hemm bosta nies jisimgħu l-quddies minn barra. Għaldaqstant il-ħtieġa li tinbena knisja akbar issokta jinħass wara li Raħal Ġdid sar parroċċa fl-1910 l-iktar meta għaxar snin wara l-popolazzjoni qabżet sew il-ħamest elef.

L-idea ta' bini ta' knisja ġdida ssawret meta l-Kappillan Nerik Bonniċi ġie joqgħod f'dar qrib is-Sur Ġużeċ Damato li ġentilment offra li jħejji u jiddisinja l-pjanti. Intgħażlet waħda mit-tliet pjanti li ddisinja, filwaqt li l-perit Filippu Tortell kien responsabbli tax-xogħol. Iżda hekk kif ġiet solvuta l-problema ta' *warrant* tfaċċaw oħrajn. Dik ta' fejn kellha tinbena l-knisja l-ġdida u l-akkwist ta' l-istess art. Kollox mar ħarir meta lejlet il-Milied ta' l-1923 il-gvern ta l-art fejn kellha tinbena l-knisja u s-Sur Damato ċeda biċċa art li kien ħa quddiemha.

Ħadd il-Għid ta' ħamsa u sebgħin sena ilu kien jum storiku għall-poplu Pawlista. Dak inhar is-salib imqaddes ta' l-injam inġarr proċessjonalment mill-knisja ta' Sant'Ubaldeska għall firxa kbira ta' art bejn Triq Loġġa (illum Ġużeċ Damato), Triq Lampuka, Vjal Raħal Ġdid u Pjazza Paula (illum Antoine de Paule). Il-banda Fra. G. M. Ant. De Paule akkumpanjat lis-salib matul it-triq ewlenija sakemm saret iċ-ċerimonja tat-tqegħid tas-salib mill-kappillan Dun Salv Chircop fuq il-post fejn kellha tinbena l-knisja ġdida.

Tliet xhur wara din il-ġrajja importanti, jiġifieri nhar it-30 ta' Ġunju tal-1923 tqiegħedet l-ewwel ġebla tas-sisien. Din tinsab taħt il-kampnar tal-lemin inti u dieħel il-knisja mill-bieb ewlieni. Iżda minħabba l-kobor tal-knisja u peress li kien hemm fejn il-ħaddiema qegħdu sa tletin filata pedament, ix-xogħol ħa madwar seba' xhur.

Dak inhar li tqiegħdet l-ewwel ġebla tas-sisien 75 sena ilu aktarx li kulħadd kien jeħleb li għad irid jgħaddi ħafna żmien biex ix-xogħol jibda jidher fuq wiċċ l-art.

Iżda wara ftit taż-żmien kulħadd intebaħ bir-responsabbiltaċ kbira li kienu daħlu għaliha n-nies ta' din il-parroċċa żagħżugħa.

Fil-bini ta' dan it-tempju grandjuż is-Sur Damato introduċa materjal u teknika għal kollox ġodda f'pajjiżna. Ħafna ddubitaw mill-użu tal-ferro-konkrit f'dan il-proġett hekk kbir, iżda minkejja t-tfixkil li sab u d-dubji murija minn periti oħra, li knisja ta' dak il-kobor ma setgħetx tinbena kif ried hu, il-ħila u l-kuraġġ tiegħu wasslu biex titwettaq ix-xewqa tan-nies ta' dan is-subborg.

Fit-twettieq ta' dan il-proġett Damato ma kienx waħdu. Huwa sab l-appoġġ tan-nies tal-parroċċa, l-iktar ħaddiema tat-tarzna, li kienu jaħdmu volontarjament wara l-ħinijiet tax-xogħol. Lanqas l-ispejjeż kbar ma qatgħu qalb il-kleru. Kien isir ġbir ta' flus mingħand il-familji u jiġu organizzati tombli kbar bi premju ta' £50 li għaliha kienu jattendu bosta nies minn bliet u rħula oħra.

F'inqas minn sena wara li tqiegħed is-salib kbir fejn kellha titla' l-knisja ġdida, jiġifieri fl-24 ta' Frar 1924, saret ċerimonja oħra, dik tat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla. Tqiegħdet u tbierket mill-Vigarju ta' l-Isqof Mons. Anġlu Portelli. Imma sentejn wara x-xogħol waqaf mhux minħabba x-xogħol ta' finanzi , iżda minħabba d-dubju dwar kif kienet qed tinbena l-knisja. F'April ta' l-1928 ix-xogħol fuq il-bini tal-knisja ssokta u fil-15 ta' Lulju ta' l-istess sena saret l-ewwel quddiesa fil-knisja l-ġdida.

Bħalma s-salib kien il-qofol taċ-ċerimonja li saret 75 sena ilu u li tat bidu għall-bini ta' knisja ġdida f'Raħal Ġdid, salib ieħor, din id-darba mhux ta' l-injam iżda tal-ġebel, tqiegħed fuq il-quċċata tal-koppla biex ġab fi tmiemu dan il-proġett grandjuż. Iċ-ċerimonja li saret dak inhar, fit-13 ta' Diċembru tal-1959, wasslet għat-twettieq ta' xewqa li bdiet isseħħ tliet kwarti ta' seklu ilu.

MARKEN

FRAME MAKER

132 - 134, Pjazza Antoine de Paule, Paola

Tel: 677337